Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

18 ta' Ottubru 2022*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Kumpannija Ewropea – Direttiva 2001/86/KE – Involviment tal-ħaddiema fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni tal-kumpannija Ewropea – Artikolu 4(4) – – Kumpannija Ewropea kkostitwita permezz ta' trasformazzjoni – Kontenut tal-ftehim innegozjat – Elezzjoni ta' rappreżentanti tal-ħaddiema bħala membri tal-bord superviżorju – Proċedura ta' elezzjoni li tipprovdi għal sehem ta' votazzjoni separat għar-rappreżentanti tas-sindakati"

Fil-Kawża C-677/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, Il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Awwissu 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Diċembru 2020, fil-proċedura

**Industriegewerkschaft Metall (IG Metall),**

**ver.di – Vereinte Dienstleistungsgewerkschaft**

vs

**SAP SE,**

**SE-Betriebsrat der SAP SE,**

fil-preżenza ta':

**Konzernbetriebsrat der SAP SE,**

**Deutscher Bankangestellten-Verband eV,**

**Christliche Gewerkschaft Metall (CGM),**

**Verband angestellter Akademiker und leitender Angestellter der chemischen Industrie eV,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, L. Bay Larsen, Viċi President, A. Arabadjiev, A. Prechal, E. Regan, P. G. Xuereb, L. S. Rossi, D. Gratsias u L. Arastey Sahún, Presidenti ta' Awla, S. Rodin, F. Biltgen (Relatur), N. Piçarra, N. Wahl, I. Ziemele u J. Passer, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: J. Richard de la Tour,

Reġistratur: D. Dittert, Kap ta' Unità,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-7 ta' Frar 2022,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Industriegewerkschaft Metall (IG Metall) u ver.di – Vereinte Dienstleistungsgewerkschaft, minn S. Birte Carlson, Rechtsanwältin,

– għal SAP SE, minn K. Häferer-Duttiné, P. Matzke u A. Schulz, Rechtsanwälte,

– għal Konzernbetriebsrat der SAP SE, minn H.-D. Wohlfarth, Rechtsanwalt,

– għal Christliche Gewerkschaft Metall (CGM), minn G. Gerhardt, Prozessbevollmächtigter,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller u R. Kanitz, bħala aġenti,

– għall-Gvern Lussemburgiż, minn A. Rodesch, avocat,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Braun u B.-R. Killmann, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali waqt is-seduta tat-28 ta' April 2022,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzzjoni tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001 li tissupplimenta l-Istatut għal kumpanija Ewropea rigward l-involviment tal-ħaddiema (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 272).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn l-Industriegewerkschaft Metall (IG Metall) u ver.di – Vereinte Dienstleistungsgewerkschaft, żewġ organizzazzjonijiet sindakali, kontra SAP SE, kumpannija Ewropea (SE), u SE-Betriebsrat der SAP SE, il-Kumitat ta' Impriża ta' SAP, dwar il-ftehim li jirrigwarda l-modalitajiet dwar l-involviment tal-ħaddiema fi ħdan SAP.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi 3, 5, 10, 15 u 18 tad-Direttiva 2001/86 jistabbilixxu:

"(3) Sabiex jitmexxew 'il quddiem l-għanijiet soċjali tal-Komunità, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċjali, notabbilment fil-qasam ta' l-involviment tal-ħaddiema, immirati sabiex jiżguraw illi l-istabbiliment ta' SE ma jġibx miegħu l-għibien jew it-tnaqqis tal-prattiki ta' l-involviment tal-ħaddiema li jeżistu fil-kumpaniji parteċipanti

fl-istabbiliment ta’ SE. Dan il-għan għandu jiġi segwit billi jiġi stabbilit sett ta’ regoli f’dan il-qasam, illi jissupplimenta d-dispożizzjonijiet tar-[Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 tat-8 ta’ Ottubru 2001 dwar l-Istatut ta’ Kumpannija Ewropea (SE) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 251)].

[…]

(5) Id-diversità kbira fir-regoli u l-prattiki illi teżisti fl-Istati Membri rigward il-manjiera li fiha r-rappreżentanti tal-ħaddiema huma involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet ġewwa l-kumpaniji tagħmilha mhux tal-parir illi jiġi stabbilit mudell wieħed Ewropew ta’ l-involviment tal-ħaddiema li jista’ japplika għas-SE.

[…]

(10) Ir-regoli tal-votazzjoni ġewwa l-korp speċjali li jirrappreżenta lill-ħaddiema għall-għanijiet tan-negozjati, b’mod partikolari meta jiġu konklużi ftehimijiet li jipprovdu livell ta’ parteċipazzjoni iktar baxx minn dak il-wieħed li jkun jeżisti ġewwa kumpanija parteċipanti jew aktar, għandhom ikunu proporzjonati skond ir-riskju tal-għibien jew it-tnaqqis tas-sistemi u l-prattiki eżistenti tal-parteċipazzjoni. Dan ir-riskju huwa akbar fil-każ ta’ SE stabbilita permezz tat-trasformazzjonijew l-inkorporazzjoni milli meta tkun stabbilita permezz tal-ħolqien ta’ kumpanija prinċipali (li kollha l-ishma ta’ kumpanija/kumpaniji oħra u tikkontrollaha/tikkontrollahom) jew sussidjarja komuni.

[…]

(15) Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa d-drittijiet l-oħra eżistenti li jirrigwardaw l-involviment u ma għandhiex għalfejn taffettwa l-istrutturi eżistenti tar-rappreżentazzjoni pprovduti fil-liġijiet u l-prattiki Komunitarji u nazzjonali.

[…]

(18) Huwa prinċipju fundamentali u l-għan iddikjarat ta’ din id-Direttiva illi tiżgura d-drittijiet miksuba tal-ħaddiema rigward l-involviment fid-deċiżjonijiet tal-kumpanija. Id-drittijiet tal-ħaddiema fis-seħħ qabel l-istabbiliment ta’ SE għandhom jipprovdu l-bażi għad-drittijiet ta’ l-involviment tal-ħaddiema fis-SE (il-prinċipju ta’ “qabel u wara”). B’konsegwenza ta’ dan, dan l-avviċinament għandu japplika mhux biss waqt l-istabbiliment inizjali ta’ SE iżda ukoll għall-bidliet strutturali f’SE eżistenti u għall-kumpaniji affettwati mill-proċessi tal-bidliet strutturali”.

4 L-Artikolu 1 ta’ din id-direttiva jipprevedi:

“1. Din id-Direttiva tirregola l-involviment tal-ħaddiema fl-affarijiet ta’ kumpaniji pubbliċi Ewropej ta’ liabilità limitata […], kif riferit fir-[Regolament Nru 2157/2001].

2. Għal dan il-għan, għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti sabiex jiġu involuti l-ħaddiema f’kull SE skond il-proċedura tan-negozjati riferita fl-Artikoli 3 sa 6 jew, skond iċ-ċirkostanzi speċifikati fl-Artikolu 7, bi qbil ma’ l-Anness”.

5 Skont l-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Definizzjonijiet":

"Għall-għan ta' din id-Direttiva:

[…]

(e) 'rappreżentanti tal-ħaddiema' tfisser ir-rappreżentanti tal-ħaddiema pprovduti skond il-liġijiet u/jew il-prattiki nazzjonali;

(f) 'korp rappreżentattiv' ifisser il-korp li jirrappreżenta lill-ħaddiema stabbilit bil-ftehimijiet riferiti fl-Artikolu 4 jew skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness, bil-għan illi jgħarraf u jikkonsulta lill-ħaddiema ta' SE u s-sussidjarji u l-istabbilimenti tagħha lokati fil-Komunità u, fejn japplika, jeżerċitaw id-drittijiet tal-parteċipazzjoni fein għandha x'taqsam is-SE;

(g) 'korp speċjali tan-negozjati' jfisser korp stabbilit skond l-Artikolu 3 sabiex jinnegozja mal-korp kompetenti tal-kumpaniji parteċipanti rigward li jiġu stabbiliti l-arranġamenti sabiex jinvolvu l-ħaddiema fis-SE;

(h) 'involviment tal-ħaddiema' jfisser kull mekkaniżmu, inklużi t-tagħrif, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni, li permezz tagħhom ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq id-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu ġewwa l-kumpanija;

(i) 'tagħrif' ifisser l-għoti tat-tagħrif lill-korp tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u/jew lir-rappreżentanti tal-ħaddiema mill-organu kompetenti tas-SE dwar il-kwistjonijiet li jirrigwardaw lis-SE nnifisha u lil kull wieħed mis-sussidjarja jew mill-istabbilimenti tagħha li jinsabu fi Stati Membri jew li jaqbżu l-poteri ta' l-organi illi jieħdu d-deċiżjonijiet fi Stat Membru singolu fiż-żmien, fil-manjiera u bil-kontenut li jħallu lir-rappreżentanti ta' l-impjegati jagħmlu stima fil-fond dwar l-impatt possibbli u fejn xieraq, iħejju l-konsultazzjonijiet ma' l-organu kompetenti tas-SE;

(j) 'konsultazzjoni' tfisser li jiġu stabbiliti d-djalogu u l-iskambju ta' l-opinjonijiet bejn il-korp li jirrapreżenta lill-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u l-organu kompetenti tas-SE, fiż-żmien, fil-manjiera u bil-kontenut li jħallu lir-rappreżentanti tal-ħaddiema, fuq il-bażi tat-tagħrif ipprovdut, li jesprimu opinjoni dwar il-miżuri previsti mill-organu kompetenti illi jistgħu jittieħdu f'konsiderazzjoni fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ġewwa s-SE;

(k) 'parteċipazzjoni' tfisser l-influwenza tal-korp tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tal-ħaddiema fl-affarijiet tal-kumpanija permezz:

– tad-dritt li jeleġġu jew jaħtru wħud mill-membri ta' l-organu superviżorju jew amministrattiv tal-kumpanija, jew

– tad-dritt li jirrakkomandaw u/jew jopponu l-ħatra ta' wħud mill-membri jew il-membri kollha ta' l-organu superviżorju jew amministrattiv tal-kumpanija."

6 L-Artikolu 3 tal-istess direttiva, li jinsab fit-Taqsima II tagħha, intitolat "Il-Proċedura tan-Negozjati", jipprovdi:

"1. Fejn l-organi maniġerjali jew amministrattivi tal-kumpaniji parteċipanti jagħmlu pjan sabiex jistabbilixxu SE, huma għandhom mill-aktar fis possibbli wara li jippubblikaw it-termini ta' l-abbozz ta' l-inkorporazzjoni jew tal-ħolqien ta' kumpanija prinċipali jew wara illi jiftiehmu fuq pjan li jiffurmaw sussidjarja jew li jittrasformaw f'SE, jieħdu l-passi meħtieġa, inkluż illi jipprovdu t-tagħrif dwar l-identità tal-kumpaniji parteċipanti, is-sussidjarji u l-istabbilimenti interessati, u n-numru tal-ħaddiema tagħhom, għalbiex jibdew in-negozjati mar-rappreżentanti tal-ħaddiema tal-kumpaniji dwar l-arranġamenti għall-involviment tal-ħaddiema fis-SE.

2. Għal dan il-għan, għandu jinħoloq korp speċali tan-negozjati illi jirrappreżenta lill-ħaddiema tal-kumpaniji parteċipanti u tas-sussidjarji jew l-istabbilimenti interessati skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

[...]

(b) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-metodu li jrid jiġi użat għall-elezzjoni jew il-ħatra tal-membri tal-korp speċjali tan-negozjati li għandhom jiġu eletti jew maħtura fit-territorji tagħhom. Għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex kemm jista' jkun jiżguraw illi dawn il-membri jinkludu mill-inqas membru li jirrappreżenta lill-kumpaniji parteċipanti li għandhom ħaddiema fl-Istat Membru interessat. Dawn il-miżuri ma għandhomx iżidu n-numru totali tal-membri.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu illi dawn il-membri jistgħu jinkludu r-rappreżentanti tat-trejdunjonijietkemm jekk huma l-ħaddiema ta' kumpanija parteċipanti jew ta' sussidjarja jew ta' stabbliment interessat u kemm jekk le.

[...]

3. Il-korp speċjali tan-negozjati u l-organi kompetenti tal-kumpaniji parteċipanti għandhom jistabbilixxu, permezz ta' ftehim bil-miktub, l-arranġamenti sabiex jiġu involuti l-ħaddiema ġewwa s-SE.

[...]"

7 L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/86, dwar il-kontenut tal-ftehim dwar il-modalitajiet tal-involviment tal-ħaddiema fi ħdan l-SE, jipprovdi fil-paragrafu 2(g) u fil-paragrafi 3 u 4 tiegħu:

"2. Mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tal-partijiet, u bla ħsara għall-paragrafu 4, il-ftehim riferit fil-paragrafu 1 bejn l-organi kompetenti tal-kumpaniji parteċipanti u l-korp speċjali tan-negozjati għandu jispeċifika:

[...]

g) jekk, matul in-negozjati, il-partijiet jiddeċiedu illi jistabbilixxu l-arranġamenti għall-parteċipazzjoni, is-sustanza ta' dawn l-arranġamenti inklużi (jekk japplikaw) in-numru tal-membri fil-korp amministrattiv jew superviżorju tas-SE li l-ħaddiema huma intitolati jeleġġu, jaħtru, jirrakkomandaw jew jopponu, [il-proċeduri sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jeleġġu, jaħtru jew jirrakkomandaw dawn il-membri jew jopponu,] u d-drittijiet tagħhom;

[…]

3. Il-ftehim ma għandux, għajr jekk ikun hemm dispożizzjoni xorta oħra fih, ikun bla ħsara għar-regoli standard riferiti fl-Anness.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13(3) (a), fil-każ ta' SE stabbilita permezz ta' trasformazzjoni, il-ftehim għandu jipprovdi mill-inqas l-istess livell ta' l-elementi kollha ta' l-involviment tal-ħaddiema bħal dawk li jeżistu fil-kumpanija li trid tiġi trasformata f'SE."

8 L-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva jistabbilixxi:

"Sabiex jinkiseb il-għan deskritt fl-Artikolu 1, l-Istati Membri għandhom, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 ta' hawn taħt, jistabbilixxu r-regoli standard dwar l-involviment tal-ħaddiema illi jridu jissodisfaw id-dispożizzjonijiet iddikjarati fl-Anness.

[…]"

9 Skont l-Artikolu 11 tal-imsemmija direttiva:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa skond il-liġijiet Komunitarji bil-ħsieb li jipprevienu l-użu ħażin ta' SE bl-għan li jċaħħdu lill-ħaddiema mid-drittijiet dwar l-involviment tal-ħaddiema jew iż-żamma ta' dawn id-drittijiet."

10 L-Artikolu 13(3)(a) tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"Din id-Direttiva ma għandhiex tippreġudika:

a) id-drittijiet eżistenti ta' l-involviment tal-ħaddiema pprovduti bil-liġijiet u/jew il-prattiki nazzjonali fl-Istati Membri kif igawdu minnhom il-ħaddiema tas-SE u tas-sussidjarji u l-istabbilimenti tagħha, għajr il-parteċipazzjoni fil-korpi tas-SE".

11 L-Anness tad-Direttiva 2001/86 jinkludi r-regoli standard imsemmija fl-Artikolu 7 tagħha.

### *Id-dritt Ġermaniż*

#### *Il-MitbestG*

12 L-Artikolu 7 tal-Gesetz über die Mitbestimmung der Arbeitnehmer (il-Liġi dwar il-Parteċipazzjoni tal-Impjegati fit-Tmexxija), tal-4 ta' Mejju 1976 (BGBl. 1976 I, p. 1153), kif emendata bil-Liġi tal-24 ta' April 2015 (BGBl. 2015 I, p. 642) (iktar 'il quddiem il-"MitbestG"), jipprovdi:

"(1) Il-bord superviżorju ta' impriża

1. li tipikament ma timpjegax iktar minn 10 000 ħaddiem għandu jkun kompost minn sitt rappreżentanti tal-azzjonisti u sitt rappreżentanti tal-ħaddiema;

2 li tipikament tinkludi iktar minn 10 000 ħaddiem, iżda mhux iktar minn 20 000 ħaddiem, għandu jkun kompost minn tmien rappreżentanti tal-azzjonisti u tmien rappreżentanti tal-ħaddiema;

3. li tipikament timpjega iktar minn 20 000 ħaddiem għandu jkun kompost minn għaxar rappreżentanti tal-azzjonisti u għaxar rappreżentanti tal-ħaddiema.

[…]

(2) Fost il-membri tal-bord superviżorju li jirrappreżentaw il-ħaddiema għandu jkun hemm,

1. meta dan il-bord superviżorju jinkludi sitt rappreżentanti tal-ħaddiema, erba' ħaddiema tal-impriża u żewġ rappreżentanti tas-sindakati;

2. meta dan il-bord superviżorju jinkludi tmien rappreżentanti tal-ħaddiema, sitt ħaddiema tal-impriża u żewġ rappreżentanti tas-sindakati;

3. meta dan il-bord superviżorju jinkludi għaxar rappreżentanti tal-ħaddiema, seba' ħaddiema tal-impriża u tliet rappreżentanti tas-sindakati.

[…]

(5) Is-sindakati imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu rappreżentati fl-impriża stess jew f'impriża oħra li l-ħaddiema tagħha jipparteċipaw fl-elezzjoni tal-membri tal-bord superviżorju tal-impriża skont din il-liġi".

13 Għal dak li jirrigwarda l-elezzjoni tar-rappreżentanti tas-sindakati fil-bord superviżorju, l-Artikolu 16 ta' din il-liġi jipprevedi:

"(1) Id-delegati jeleġġu l-membri tal-bord superviżorju li jirrappreżentaw is-sindakati skont l-Artikolu 7(2) b'votazzjoni sigrieta u fl-osservanza tal-prinċipji tal-votazzjoni proporzjonata […]

(2) L-elezzjoni tiżvolġi abbażi ta' kandidaturi nominati mis-sindikati rappreżentati fl-impriża nnifisha jew f'impriża oħra li l-ħaddiema tagħha jipparteċipaw fl-elezzjoni tal-membri tal-bord superviżorju tal-impriża skont din il-liġi. […]"

*Is-SEBG*

14 L-Artikolu 2 tal-Gesetz über die Beteiligung der Arbeitnehmer in einer Europäischen Gesellschaft (il-Liġi dwar l-Involviment tal-Impjegati fi Ħdan Kumpannija Ewropea), tat-22 ta' Diċembru 2004 (BGBl. 2004 I, p. 3675, 3686), fil-verżjoni tagħha fis-seħħ sa mill-1 ta' Marzu 2020 (iktar 'il quddiem l-"SEBG"), jistabbilixxi:

"[…]

(8) L-involviment tal-ħaddiema jirreferi għal kwalunkwe proċedura, inkluż l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni, li permezz tagħha r-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq id-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu fi ħdan l-impriża.

[…]

(12) 'Parteċipazzjoni' tfisser l-influwenza tal-ħaddiema fuq l-affarijiet ta' kumpannija

1. billi jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jeleġġu jew jinnominaw parti mill-membri tal-korp superviżorju jew amministrattiv tal-kumpannija; jew

2. billi jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jirrakkomandaw jew jopponu l-ħatra ta' membru jew l-membri kollha tal-korp superviżorju jew amministrattiv tal-kumpannija."

15 L-Artikolu 21 ta' din il-liġi jipprovdi:

"[…]

(3) Jekk jiġi konkluż ftehim ta' parteċipazzjoni bejn il-partijiet, il-kontenut tiegħu għandu jiġi speċifikat. B'mod partikolari, għandu jkun hemm ftehim dwar:

1. in-numru ta' membri tal-korp superviżorju jew amministrattiv tas-SE, li jistgħu jeleġġu jew jaħtru l-ħaddiema jew li jistgħu jirrakkomandaw jew jirrifjutaw il-ħatra tagħhom;

2. il-proċedura li tippermetti lill-ħaddiema jeleġġu jew jaħtru dawn il-membri jew jirrakkomandaw jew jirrifjutaw il-ħatra tagħhom, u

3. id-drittijiet ta' dawn il-membri.

[…]

(6) Mingħajr preġudizzju għar-relazzjoni bejn din il-liġi u dispożizzjonijiet oħra relattivi għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-kumpannija, fil-każ ta' SE stabbilita permezz ta' trasformazzjoni, il-ftehim għandu jipprovdi, għall-elementi kollha tal-involviment tal-ħaddiema, livell tal-inqas ekwivalenti għal dak li jeżisti fil-kumpannija li trid tiġi trasformata f'SE. Dan japplika wkoll meta jsir tibdil tal-istruttura ta' organizzazzjoni duwalista tal-kumpanija għal struttura ta' organizzazzjoni monista u viċe versa."

## Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

16 Qabel ma ġiet ittrasformata f'SE, SAP kellha l-forma ġuridika ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata taħt id-dritt Ġermaniż u kellha, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, bord superviżorju kompost minn tmien membri li jirrappreżentaw lill-azzjonisti u minn tmien membri li jirrappreżentaw lill-ħaddiema, fosthom sitt ħaddiema tal-impriża u żewġ rappreżentanti tas-sindakati. Iż-żewġ rappreżentanti tas-sindakati kienu, skont l-Artikolu 16(2) tal-MitbestG, ġew proposti mis-sindakati rrappreżentati fi ħdan il-grupp ta' kumpanniji li għalih tappartjeni SAP u kienu ġew eletti abbażi ta' votazzjoni separata minn dik implimentata għall-elezzjoni tas-sitt membri l-oħra tal-bord superviżorju li jirrappreżentaw il-ħaddiema.

17 Minn meta, fl-2014, SAP ġiet ittrasformata f'SE, hija għandha bord superviżorju kompost minn 18-il membru. Skont il-ftehim li jirrigwarda l-modalitajiet dwar l-involviment tal-ħaddiema fi ħdan SAP, konkluż bejn SAP u l-grupp speċjali tan-negozjati stabbilit fi ħdanha (iktar 'il quddiem il-"ftehim ta' involviment"), disgħa mill-membri tal-bord superviżorju huma rappreżentanti tal-ħaddiema. Dan il-ftehim ta' involviment jipprevedi, b'mod partikolari, il-modalitajiet ta' ħatra tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u jindika, f'dan ir-rigward, li s-sindakati rrappreżentati fi ħdan il-grupp li għalih tappartjeni SAP għandhom dritt esklużiv ta' proposta ta' kandidati għal parti

mis-siġġijiet tar-rappreżentanti tal-ħaddiema impjegati fil-Ġermanja, l-elezzjoni ta' dawn il-kandidati mill-ħaddiema li huma s-suġġett ta' votazzjoni separata minn dik li abbażi tagħha jiġu eletti r-rappreżentanti l-oħra tal-ħaddiema.

18 Il-ftehim ta' involviment jinkludi wkoll regoli dwar il-ħolqien ta' bord superviżorju mnaqqas għal tnax-il membru (iktar 'il quddiem il-"bord superviżorju mnaqqas"), li fosthom sitta minnhom huma rappreżentanti tal-ħaddiema. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema li jikkorrispondu għall-ewwel erba' siġġijiet, attribwiti lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, huma eletti mill-ħaddiema impjegati fil-Ġermanja. Is-sindakati rrappreżentati fi ħdan il-grupp ta' kumpanniji li għalih tappartjeni SAP jistgħu jipproponu kandidati għal parti mis-siġġijiet attribwiti lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, iżda l-ebda votazzjoni separata minn dik li abbażi tagħha r-rappreżentanti l-oħra tal-ħaddiema jiġu eletti ma hija prevista għall-elezzjoni ta' dawn il-kandidati.

19 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kkontestaw mingħajr suċċess, kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fl-appell, ir-regoli tal-ftehim ta' involviment dwar il-ħatra tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan il-bord superviżorju mnaqqas. B'riżultat ta' dan, huma ppreżentaw appell quddiem il-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja), billi qiesu li l-imsemmija regoli jmorru kontra l-Artikolu 21(6) tas-SEBG u għalhekk għandhom jiġu annullati, minħabba li ma jipprevedux li s-sindakati jibbenefikaw minn dritt ta' proposta esklużiva, jiġifieri ggarantit permezz ta' votazzjoni separata, għal ċertu numru ta' rappreżentanti tal-ħaddiema fil-bord superviżorju mnaqqas.

20 SAP ssostni, min-naħa tagħha, li d-dritt esklużiv tas-sindikati li jipproponu kandidati għall-elezzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan il-bord superviżorju mnaqqas, previst fl-Artikolu 7(2) tal-MitbestG, moqri flimkien mal-Artikolu 16(2) tiegħu, ma huwiex kopert mill-Artikolu 21(6) tas-SEBG.

21 Il-qorti tar-rinviju tqis li, abbażi tad-dritt nazzjonali biss, hemm lok li tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali li jiġu annullati r-regoli tal-ftehim ta' involviment dwar il-ħatra tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan il-bord superviżorju mnaqqas. L-ewwel sentenza tal-Artikolu 21(6) tas-SEBG fil-fatt teżiġi li l-partijiet fil-ftehim ta' involviment jiżguraw, waqt it-twaqqif ta' SE permezz ta' trasformazzjoni, li l-elementi ta' proċedura ta' involviment tal-ħaddiema, fis-sens tal-Artikolu 2(8) tas-SEBG, li jikkaratterizzaw l-influwenza tal-ħaddiema fuq it-teħid ta' deċiżjoni fi ħdan kumpannija, jibqgħu jeżistu b'mod ekwivalenti fl-SE li għandha tinħoloq. Għalhekk, qabel kollox, dawn l-elementi għandhom jiġu ddeterminati fid-dawl tad-dritt nazzjonali rilevanti, skont, f'kull każ, il-proċeduri ta' involviment tal-ħaddiema diġà fis-seħħ fil-kumpannija b'responsabbiltà limitata li għandha tiġi ttrasformata, fis-sens tal-Artikolu 2(8) tas-SEBG. Sussegwentement, l-elementi li jikkaratterizzaw l-influwenza tal-ħaddiema fuq it-teħid ta' deċiżjoni fi ħdan kumpannija għandhom jibqgħu jeżistu b'mod ekwivalenti fl-SE li għandha tiġi stabbilita. L-ewwel sentenza tal-Artikolu 21(6) tas-SEBG ċertament ma timponix iż-żamma integrali tal-proċeduri u tal-istat tad-dritt eżistenti fil-kumpannija li għandha tiġi ttrasformata, iżda l-elementi proċedurali li jikkaratterizzaw b'mod determinanti l-influwenza tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fuq it-teħid ta' deċiżjoni fil-kumpannija li għandha tiġi ttrasformata għandhom ikunu ggarantiti kwalitattivament, b'mod ekwivalenti, fil-ftehim ta' involviment tal-ħaddiema applikabbli għall-SE. Issa, skont id-dritt nazzjonali, l-applikazzjoni ta' votazzjoni separata għall-elezzjoni tal-kandidati proposti mis-sindakati bħala rappreżentanti tal-ħaddiema fil-bord superviżorju mnaqqas għandha preċiżament l-għan li ssaħħaħ l-influwenza tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fuq it-teħid ta' deċiżjoni fi ħdan impriża, billi tiggarantixxi li, fost dawn ir-rappreżentanti, hemm persuni li għandhom livell għoli ta' għarfien tal-kundizzjonijiet u l-bżonnijiet tal-impriża filwaqt li jkollhom kompetenza esterna.

22 F'dan il-każ, ir-regoli tal-ftehim ta' involviment dwar il-ħatra tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan il-bord superviżorju mnaqqas ma josservawx ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 21(6) tas-SEBG peress li, filwaqt li jagħtu lis-sindakati rrappreżentati fi ħdan il-grupp ta' kumpanniji li għalih tappartjeni SAP id-dritt li jipproponu kandidati għall-elezzjonijiet tal-membri tal-imsemmi bord superviżorju li jirrappreżentaw lill-ħaddiema, huma ma jipprevedux votazzjoni separata għall-elezzjoni ta' dawn il-membri u għalhekk ma jiggarantixxux il-preżenza effettiva ta' rappreżentant tas-sindakati fost ir-rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan il-bord superviżorju.

23 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi madankollu jekk l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/86 jipprevedix livell ta' protezzjoni uniformi differenti u inqas għoli minn dak previst fid-dritt Ġermaniż u li huwa impost, jekk ikun il-każ, fuq l-Istati Membri kollha. Fl-affermattiv, hija tkun obbligata tinterpreta l-Artikolu 21(6) tas-SEBG b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni.

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 21(6) ta[s-SEBG] li jipprovdi li, fil-każ li tiġi kkostitwita SE [...] permezz ta' trasformazzjoni, stabbilita fil-Ġermanja, għandha tiġi żgurata proċedura ta' selezzjoni separata għall-kandidati nnominati mis-sindakat, fir-rigward ta' ċertu numru mill-membri tal-bord superviżorju li jirrappreżentaw lill-ħaddiema, huwa konformi mal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva [2001/86]?"

## Fuq id-domanda preliminari

### *Fuq is-suġġett tad-domanda preliminari*

25 SAP tqis li, preliminarjament, għandha tiġi eżaminata l-validità tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/86 u għandha tingħata risposta għall-kwistjoni dwar jekk, billi timponi l-adozzjoni, fil-ftehim dwar l-involviment tal-ħaddiema, ta' regoli iktar stretti f'każ ta' kostituzzjoni ta' SE permezz ta' trasformazzjoni milli fil-każ ta' kostituzzjoni ta' tali kumpannija permezz ta' rimedju ieħor differenti minn dawk imsemmija fil-premessa 10 ta' din id-direttiva, din id-dispożizzjoni hijiex kompatibbli mad-dritt primarju, b'mod partikolari mal-ewwel sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 49 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 54 TFUE, kif ukoll mal-Artikoli 16, 17 u 20 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

26 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huma biss il-qrati nazzjonali, li quddiemhom tkun tressqet il-kawża u li jkollhom jassumu r-responsabbiltà għall-eventwali deċiżjoni ġudizzjarja, li għandhom jevalwaw, fid-dawl tad-dettalji partikolari ta' kull kawża, kemm il-bżonn ta' deċiżjoni preliminari sabiex ikunu jistgħu jagħtu d-deċiżjoni tagħhom u kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li huma jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Hochtief Solutions Magyarországi Fióktelepe, C-620/17, EU:C:2019:630, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 F'dan il-każ, id-domanda preliminari għandha bħala suġġett l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/86, peress li l-qorti tar-rinviju ma esprimietx dubju dwar il-validità ta' din id-dispożizzjoni.

28 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita sew, l-Artikolu 267 TFUE ma jiftaħx rimedji ġudizzjarji lill-partijiet f'kawża pendenti quddiem il-qorti nazzjonali, b'mod li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tkun obbligata li tevalwa l-validità tad-dritt tal-Unjoni għall-unika raġuni li din il-kwistjoni ġiet invokata quddiemha minn waħda minn dawn il-partijiet fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha (is-sentenzi tal-5 ta' Mejju 2011, MSD Sharp & Dohme, C-316/09, EU:C:2011:275, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-17 ta' Diċembru 2015, APEX, C-371/14, EU:C:2015:828, punt 37).

29 Minn dan isegwi li ma hemmx lok, f'dan il-każ, li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar il-validità tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/86.

***Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/86***

30 Permezz tad-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/86 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-ftehim li jirrigwarda l-modalitajiet dwar l-involviment tal-ħaddiema applikabbli għal SE maħluqa permezz ta' trasformazzjoni, kif previst f'din id-dispożizzjoni, għandux jipprevedi votazzjoni separata bil-għan li jeleġġi, bħala rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan il-bord superviżorju tal-SE, ċertu proporzjon ta' kandidati proposti mis-sindakati, peress li d-dritt applikabbli jimponi tali votazzjoni separata f'dak li jikkonċerna l-kompożizzjoni tal-bord superviżorju tal-kumpannija li għandha tiġi ttrasformata f'SE.

31 F'dan ir-rigward, skont ġurisprudenza stabbilita, fl-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss it-termini tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha, l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni li tagħmel parti minnha u, skont il-każ, l-oriġini tagħha (sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Nederlands Uitgeversverbond u Groep Algemene Uitgevers, C-263/18, EU:C:2019:1111, punt 38 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

32 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-formulazzjoni tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/86, dan tal-aħħar jipprovdi li, bla ħsara għall-Artikolu 13(3)(a) ta' din id-direttiva, fil-każ ta' SE kkostitwita permezz ta' trasformazzjoni, il-ftehim li jirrigwarda l-modalitajiet dwar l-involviment tal-ħaddiema applikabbli għal din l-SE, jipprevedi, "mill-inqas l-istess livell ta' l-elementi kollha ta' l-involviment tal-ħaddiema bħal dawk li jeżistu fil-kumpanija li trid tiġi trasformata f'SE".

33 Fir-rigward tal-espressjoni "l-elementi kollha ta' l-involviment", li tinsab f'din id-dispożizzjoni, għandu jiġi rrilevat li d-Direttiva 2001/86 tiddefinixxi, fl-Artikolu 2(h) tagħha, l-"involviment tal-ħaddiema" bħala li jkopri "kull mekkaniżmu, inklużi t-tagħrif, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni, li permezz tagħhom ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq id-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu ġewwa l-kumpanija". Għandu jiġi rrilevat ukoll li l-kunċett ta' "parteċipazzjoni" huwa ddefinit fl-Artikolu 2(k) tagħha bħala "l-influwenza tal-korp tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tal-ħaddiema fl-affarijiet tal-kumpanija", "permezz tad-dritt li jeleġġu jew jaħtru wħud mill-membri ta' l-organu superviżorju jew amministrattiv tal-kumpanija" jew "tad-dritt li jirrakkomandaw u/jew jopponu l-ħatra ta' wħud mill-membri jew il-membri kollha ta' l-organu superviżorju jew amministrattiv tal-kumpanija".

34 Għalhekk, minn naħa, minn dawn id-definizzjonijiet jirriżulta li l-"parteċipazzjoni" tikkostitwixxi, bħala tali, mekkaniżmu li permezz tiegħu r-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq id-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu fi ħdan l-impriża, billi jeżerċitaw, jew id-dritt tagħhom li jeleġġu, jew li jaħtru ċerti membri tal-korpi ta' superviżjoni jew ta'

amministrazzjoni tal-kumpannija, jew id-dritt tagħhom li jirrakkomandaw din il-ħatra jew li jopponuha. Fid-dawl tal-espressjoni "l-elementi kollha" użata fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/86, għandu għalhekk jiġi kkunsidrat li l-elementi kollha li jikkaratterizzaw il-metodu ta' parteċipazzjoni inkwistjoni, li huma ta' natura li jippermettu lill-korp li jirrappreżenta lill-ħaddiema jew lir-rappreżentanti tagħhom jeżerċitaw influwenza fuq in-negozju tal-kumpannija, bħal, b'mod partikolari, il-modalitajiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet imsemmija iktar 'il fuq ta' elezzjoni, ta' ħatra, ta' rakkomandazzjoni jew ta' oppożizzjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest ta' ftehim dwar SE maħluqa permezz ta' trasformazzjoni.

35 Min-naħa l-oħra, l-imsemmija definizzjonijiet jirreferu għall-kunċett ta' "rappreżentanti tal-ħaddiema", li, skont l-Artikolu 2(e) tad-Direttiva 2001/86, jirreferi "[għar-]rappreżentanti tal-ħaddiema pprovduti skond il-liġijiet u/jew il-prattiki nazzjonali". Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma ddefinixxiex dan il-kunċett, iżda sempliċement irrefera f'dan ir-rigward għal-liġijiet u/jew għall-prattiki nazzjonali.

36 L-istess konstatazzjoni tapplika fir-rigward tal-espressjoni "mill-inqas l-istess livell [...] bħal [dak] li jeżist[i] fil-kumpanija li trid tiġi trasformata f'SE", li tinsab fl-Artikolu 4(4) ta' din id-direttiva.

37 Fil-fatt, sa fejn jirreferu għal-livell ta' involviment li jeżisti fil-kumpannija qabel it-trasformazzjoni tagħha f'SE, dawn it-termini jirreferu manifestament għal-leġiżlazzjoni u/jew għall-prattiki nazzjonali fl-Istat Membru tas-sede ta' din il-kumpannija, jiġifieri, f'dan il-każ, il-leġiżlazzjoni Ġermaniża. Minn dan isegwi li huma l-partijiet għall-ftehim li jirrigwarda l-modalitajiet dwar l-involviment tal-ħaddiema fi ħdan l-SE li għandhom jivverifikaw li l-livell ta' involviment tal-ħaddiema previst minnu huwa, għall-elementi kollha ta' dan l-involviment, tal-inqas ekwivalenti għal dak iffissat minn din il-leġiżlazzjoni.

38 L-analiżi tal-kliem tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/86 għalhekk diġà turi li l-leġiżlatur tal-Unjoni, fir-rigward tad-definizzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u tal-livell ta' involviment tagħhom li għandu jiġi ppreżervat, tal-inqas b'mod ekwivalenti, fil-każ ta' kostituzzjoni ta' SE permezz ta' trasformazzjoni, irrefera għal-leġiżlazzjoni u/jew għall-prattiki nazzjonali tal-Istat Membru tas-sede tal-kumpannija li għandha tiġi ttrasformata f'SE. Għalhekk, fir-rigward b'mod partikolari tal-parteċipazzjoni, kemm id-determinazzjoni tal-persuni awtorizzati sabiex jirrappreżentaw lill-ħaddiema kif ukoll dik tal-elementi karatteristiċi tal-parteċipazzjoni li jippermettu lill-imsemmija rappreżentanti tal-ħaddiema jeżerċitaw influwenza fuq id-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu fi ħdan l-impriża, permezz tal-eżerċizzju tad-drittijiet imsemmija fl-Artikolu 2(k) ta' din id-direttiva, jeħtieġu li jsir riferiment għall-evalwazzjonijiet magħmula f'dan ir-rigward mil-leġiżlatur nazzjonali kif ukoll għall-prattiki nazzjonali rilevanti. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-premessa 5 tad-Direttiva 2001/86, il-leġiżlatur tal-Unjoni kkunsidra preċiżament li d-diversità kbira tar-regoli u tal-prattiki eżistenti fl-Istati Membri fir-rigward tal-mod kif ir-rappreżentanti tal-impjegati huma involuti fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjoni tal-kumpanniji kienet tirrendi mhux xierqa l-introduzzjoni ta' mudell Ewropew uniku ta' involviment tal-impjegati applikabbli għall-SE.

39 Minn dan isegwi li jekk element proċedurali stabbilit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal, f'dan il-każ, il-votazzjoni speċifika għall-elezzjoni tal-kandidati proposti minn sindakati għal numru definit ta' siġġijiet fi ħdan il-bord ta' superviżjoni ta' kumpannija, bħala rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan dan il-bord, jikkostitwixxi element karatteristiku tas-sistema nazzjonali ta' parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema, introdotta bil-għan li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fl-impriża u li din il-leġiżlazzjoni tattribwilha, bħal f'dan il-każ,

natura imperattiva, dan l-element proċedurali għandu jiġi kkunsidrat bħala li jagħmel parti minn “l-elementi kollha ta’ l-involviment tal-ħaddiema”, fis-sens tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/86. Dan l-element proċedurali għandu għalhekk jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-ftehim dwar il-modalitajiet ta’ involviment previst minn din l-istess dispożizzjoni.

40 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kuntest tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/86, dan isostni l-interpretazzjoni litterali ta’ din id-dispożizzjoni, fis-sens li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jirriżerva trattament partikolari għall-SE kkostitwiti permezz ta’ trasformazzjoni sabiex ma jiġux ippreġudikati d-drittijiet ta’ involviment li l-ħaddiema tal-kumpannija li għandha tiġi ttrasformata f’SE jibbenefikaw minnhom skont il-leġiżlazzjoni u/jew il-prattiki nazzjonali.

41 Għalhekk, qabel kollox, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 4 ta’ din id-direttiva jelenka l-elementi differenti li l-ftehim li jirrigwarda l-modalitajiet dwar l-involviment tal-ħaddiema fi ħdan l-SE għandu jinkludi, fejn, jekk ikun applikabbli, in-numru tal-membri tal-korp amministrattiv jew superviżorju tal-SE li l-ħaddiema huma intitolati jeleġġu, jaħtru, jirrakkomandaw jew jopponu, il-proċeduri sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jeleġġu, jaħtru jew jirrakkomandaw dawn il-membri jew jopponu l-ħatra tagħhom, kif ukoll id-drittijiet tagħhom. Issa, din id-dispożizzjoni tipprevedi li hija tapplika “bla ħsara għall-paragrafu 4” ta’ dan l-istess artikolu, b’tali mod li dan l-aħħar paragrafu ma jistax jiġi analizzat bħala dispożizzjoni derogatorja, li għandha tiġi interpretata b’mod strett.

42 Sussegwentement, mill-premessa 10 tal-imsemmija direttiva jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni qies li, f’każ ta’ ħolqien ta’ SE, b’mod partikolari permezz ta’ trasformazzjoni, hemm riskju ikbar ta’ tmiem jew dgħufija tas-sistemi u tal-prattiki ta’ parteċipazzjoni eżistenti.

43 L-interpretazzjoni litterali tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/86, mogħtija fil-punt 39 ta’ din is-sentenza hija, fit-tielet lok, konformi mal-għan imfittex minn din id-direttiva. Fil-fatt, skont il-premessa 18 ta’ din id-direttiva, “[H]uwa prinċipju fundamentali u l-għan iddikjarat ta[l-imsemmija] Direttiva illi tiżgura d-drittijiet miksuba tal-ħaddiema rigward l-involviment fid-deċiżjonijiet tal-kumpanija”. Din il-premessa tipprovdi wkoll li “[i]d-drittijiet tal-ħaddiema fis-seħħ qabel l-istabbiliment ta’ SE għandhom jipprovdu l-bażi għad-drittijiet ta’ l-involviment tal-ħaddiema fis-SE (il-prinċipju ta’ ‘qabel u wara’)”. Għalhekk mid-Direttiva 2001/86 jirriżulta li l-garanzija tad-drittijiet miksuba li ried il-leġiżlatur tal-Unjoni timplika mhux biss iż-żamma tad-drittijiet miksuba tal-impjegati fil-kumpanija li għandha tiġi trasformata f’SE, iżda wkoll l-estensjoni ta’ dawn id-drittijiet għall-impjegati kollha tal-SE (ara, f’dan is-sens, sentenza tal-20 ta’ Ġunju 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-635/11, EU:C:2013:408, punti 40 u 41).

44 Għandu jingħad ukoll, kif jirriżulta wkoll mill-premessi 10 u 15 tad-Direttiva 2001/86 kif ukoll mill-Artikolu 11 ta’ din l-istess direttiva, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jeskludi r-riskju li l-ħolqien ta’ SE, b’mod partikolari permezz ta’ trasformazzjoni, iwassal għal dgħufija, jew anki għat-tmiem, tad-drittijiet ta’ involviment li l-ħaddiema tal-kumpannija li għandha tiġi ttrasformata f’SE kienu jibbenefikaw minnhom skont il-leġiżlazzjoni u/jew il-prattiki nazzjonali.

45 Fl-aħħar nett, fir-raba’ lok, l-interpretazzjoni litterali, kuntestwali u teleoloġika tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/86, li tirriżulta mill-punti 32 sa 44 ta’ din is-sentenza, hija sostnuta wkoll mill-oriġini ta’ din id-direttiva. Fil-fatt, minn naħa, kif irrikonoxxew il-partijiet kollha li ppreżentaw l-osservazzjonijiet u kif jirriżulta mir-rapport finali tal-grupp ta’ esperti “Systèmes européens d’implication des salariés” (rapport Davignon) tax-xahar ta’ Mejju 1997 (C4-0455/97), is-sistema applikabbli għall-SE permezz ta’ trasformazzjoni kienet tikkostitwixxi, matul in-negozjati għall-adozzjoni tal-imsemmija direttiva, il-punt prinċipali ta’ kontenzjoni. F’dan

ir-rigward, il-Gvern Ġermaniż esprima tħassib, b'mod partikolari, dwar ir-riskju li l-ħolqien ta' SE permezz ta' trasformazzjoni jwassal għal tnaqqis fil-livell tal-involviment tal-ħaddiema tal-kumpannija li kellha tinbidel. Huwa biss bl-introduzzjoni ta' dispożizzjoni li tkopri speċifikament l-ipoteżi tal-ħolqien ta' SE permezz ta' trasformazzjoni u li tiggarantixxi li tali ħolqien ma jwassalx għal dgħufija tal-livell ta' involviment tal-ħaddiema eżistenti fil-kumpannija li għandha tiġi ttrasformata, dispożizzjoni li finalment tinsab fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/86, li l-proċess ta' adozzjoni ta' din id-direttiva seta' jkompli.

46 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/86 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ftehim li jirrigwarda l-modalitajiet dwar l-involviment tal-ħaddiema applikabbli għal SE maħluqa permezz ta' trasformazzjoni għandu jipprevedi votazzjoni separata għall-elezzjoni, bħala rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan il-bord superviżorju ta' SE, ċertu proporzjon ta' kandidati proposti mis-sindakati, peress li d-dritt nazzjonali applikabbli jimponi tali votazzjoni separata għal dak li jikkonċerna l-kompożizzjoni tal-bord superviżorju tal-kumpannija li għandha tiġi ttrasformata f'SE.

47 Għaldaqstant, f'dan il-każ, huwa fid-dawl tad-dritt Ġermaniż kif kien japplika għal SAP qabel ma ġiet ittrasformata f'SE, b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tal-MitbestG, moqri flimkien mal-Artikolu 16(2) tiegħu, li għandu jiġi evalwat jekk il-ftehim ta' involviment jiggarantixxix livell mill-inqas ekwivalenti ta' involviment tal-ħaddiema fit-teħid ta' deċiżjoni fi ħdan din il-kumpannija wara t-trasformazzjoni tagħha f'SE.

48 Għandu jiġi ppreċiżat ukoll li, kif imsemmi fil-punt 43 ta' din is-sentenza, sa fejn il-garanzija tad-drittijiet miksuba mixtieqa mil-leġiżlatur tal-Unjoni timplika mhux biss iż-żamma tad-drittijiet miksuba tal-ħaddiema fil-kumpannija li għandha tiġi ttrasformata f'SE, iżda wkoll l-estensjoni ta' dawn id-drittijiet għall-ħaddiema kollha ta' SE, il-ħaddiema kollha tal-SE maħluqa permezz ta' trasformazzjoni għandhom jibbenefikaw mill-istess drittijiet bħal dawk li jibbenefikaw minnhom il-ħaddiema tal-kumpannija li għandha tiġi ttrasformata f'SE.

49 Minn dan isegwi li, f'dan il-każ, il-ħaddiema kollha ta' SAP għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-proċedura elettorali preskritta mil-leġiżlazzjoni Ġermaniża, u dan anki fl-assenza ta' indikazzjoni f'dan is-sens f'din il-leġiżlazzjoni. Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju u mill-punt 55 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, sabiex jiġu ppreservati kompletament id-drittijiet ta' dawn il-ħaddiema, sabiex jiġu promossi l-għanijiet soċjali tal-Unjoni kif stabbiliti fil-premessa 3 tad-Direttiva 2001/86 u sabiex tiġi ggarantita l-eżistenza ta' proċeduri ta' informazzjoni, ta' konsultazzjoni u ta' parteċipazzjoni tal-ħaddiema fuq livell transnazzjonali, id-dritt li tipproponi ċertu proporzjon tal-kandidati għall-elezzjonijiet tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan bord superviżorju ta' SE maħluqa permezz ta' trasformazzjoni, bħalma hija SAP, ma jistax jiġi rriżervat għas-sindakati Ġermaniżi biss, iżda għandu jiġi estiż għas-sindakati kollha rrappreżentati fi ħdan l-SE, is-sussidjarji tagħha u l-istabbilimenti tagħha, sabiex tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn dawn is-sindakati fir-rigward ta' dan id-dritt.

50 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/86 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ftehim li jirrigwarda l-modalitajiet dwar l-involviment tal-ħaddiema applikabbli għal SE maħluqa permezz ta' trasformazzjoni, kif previst f'din id-dispożizzjoni, għandu jipprevedi votazzjoni separata bil-għan li jeleġġi, bħala rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan il-bord superviżorju tal-SE, ċertu proporzjon ta' kandidati proposti mis-sindakati, meta d-dritt nazzjonali applikabbli jimponi tali votazzjoni separata għal dak li jikkonċerna l-kompożizzjoni tal-bord superviżorju tal-kumpannija li għandha

tiġi ttrasformata f'SE, l-ugwaljanza ta' trattament bejn il-ħaddiema ta' din l-SE, is-sussidjarji tagħha u l-istabbilimenti tagħha kif ukoll bejn is-sindakati rappreżentati hemmhekk għandhom jiġu osservati fil-kuntest ta' din il-votazzjoni.

**Fuq l-ispejjeż**

51 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawżi prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' ħlas lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 4(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001 li tissupplimenta l-Istatut għal kumpanija Ewropea rigward l-involviment tal-ħaddiema,**

**għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

**l-ftehim li jirrigwarda l-modalitajiet dwar l-involviment tal-ħaddiema applikabbli għal kumpannija Ewropea (SE) maħluqa permezz ta' trasformazzjoni, kif previst f'din id-dispożizzjoni, għandu jipprevedi votazzjoni separata bil-għan li jeleġġi, bħala rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan il-bord superviżorju tal-SE, ċertu proporzjon ta' kandidati proposti mis-sindakati, meta d-dritt nazzjonali applikabbli jimponi tali votazzjoni separata għal dak li jikkonċerna l-kompożizzjoni tal-bord superviżorju tal-kumpannija li għandha tiġi ttrasformata f'SE, l-ugwaljanza ta' trattament bejn il-ħaddiema ta' din l-SE, is-sussidjarji tagħha u l-istabbilimenti tagħha kif ukoll bejn is-sindakati rappreżentati hemmhekk għandhom jiġu osservati fil-kuntest ta' din il-votazzjoni.**

Firem